MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2011

Numru. 664/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Elton Taliana]**

**vs**

**Leandros Penza**
**Joseph Muscat**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Leandros Penza detentur tal-karta tal-identita` numru 596191(M) u Joseph Muscat detentur tal-karta tal-identita` numru 0476085(M).

Akkuzati talli:
Fit-13 ta' Mejju 2010, ghall-habta tas-sitta u nofs ta' filghaxija mir-residenza 77, 'St. Francis', Triq Anglu Mallia, Birikirkara, ikkommettew serq ta' flus kontanti liema serq ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta'

Maria Cachia, liema serq huwa aggravat bil-‘valur’, bil-‘mezz’, bil-‘lok’ u bil-‘persuna’.

Rat it-talba mill-prosekuzzjoni sabiex titratta lill-imputat Joseph Muscat bhala recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9, meta huwa kien gie misjub hati u kkundannat ghal reati, b’sentenza ta’ reati Maltin, liema sentenza saret definittiva.
Rat l-ezami tal-imputati li wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom, u kkonfermaw tali ammissjoni anke wara li nghataw zmien opportun sabiex ikunu jistghu jirregolaw ruhom.

Rat illi kif gie dikjarat mill-prosekuzzjoni, ir-refurtiva kollha giet ritornata mill-imputati mill-bidu tal-proceduri u z-zewg imputati minn dejjem ikkoperaw mal-prosekuzzjoni u minn dejjem urew il-predisposizzjoni li jirriformaw ruhhom.

Rat il-fedini penali tal-imputati fejn dik ta’ Leandros Penza hija netta mentri dik tal-imputat l-iehor Joseph Muscat mhijiex.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 278(1) u (2) tal-Kap.9 qed issib lill-imputati Leandros Penza u Joseph Muscat hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 qed tpoggihom taht Probation Order fejn l-imputat Leandros Penza ghandu jdum taht din l-ordni ghal zmien tmintax-il (18) xahar filwaqt li Joseph Muscat ghal tlett (3) snin.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tal-Probation Order annessa tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services sabiex jitqabbad Probation Officer ghaz-zewg imputati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------